13 ta' Jannar, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Lucia Bonnici *versus* Gio Maria Spiteri

**Donazzjoni — Rigali — Nullità — Tradizzjoni — Art. 1487 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-karattru tad-donazzjonijiet rimuneratorji jvarja skond jekk għall-ħlas tas-serviġi d-donatarju għandux azzjoni kontra d-donanti, jew jekk id-donanti huwiex tenut għal dak il-ħlas minħabba doveri morali ta' rikonoxxenza.*

*Imma, kemm fl-ewwel każ kemm fit-tieni, id-donazzjoni hija dejjem sottoposta għall-formalità ta' l-att publiku biex ma tkunx nulla, ħlief fil-każijiet eċċettwati mill-istess liġi, fosthom dak ta' donazzjonijiet tal-rigali li jingħataw minn id għal id, ta' flus jew ħwejjeġ oħra mobili korporali, jekk is-somma jew il-valur tagħhom ikun żgħir avut rigward għall-kondizzjonijiet tal-persuni u ċirkustanzi oħrajn.*

*Imma mbagħad, f'dan l-aħħar każ, id-donazzjoni ta' doni manwali hija nulla jekk tonqos it-tradizzjoni. It-tradizzjoni hija meħtieġa għall-validità tad-donazzjoni; u fil-każ li l-oġġett ikun ġà f'idejn id-donatarju, id-donazzjoni tiġi konsumata unikament bl-effett tad-dikjarazzjoni tad-donanti li jrid jagħtihulu.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi għal diversi perjodi hija kienet tirrendi serviġi lill-imsemmija Caterina Spiteri, u dina wegħditha l-brazzuletta tad-deheb bid-djamanti, purkè meta jkollha bżonnha għal xi faċendi u tgħinha tilha, tmur biex taqdiha; u illi l-istess Caterina Spiteri mietet sobtu mingħajr ma laħqet ikkunsinnatilha l-istess brazzuletta; u li l-konvenut, wara li aċċetta

li jagħtiha dik il-brazzuletta, in segwitu rrifjuta li jagħtihielha, non ostanti l-*interpellazzjoni* bonarja lilu għal dana l-oġġett magħmula; talbet illi l-istess konvenut jiġi kundannat jikkonsenja lilha l-brazzuletta fuq imsemmija bħala kumpens tas-serviġi u skond *il-promessa fuq imsemmija*, fi żmien qasir li jiġi lilu prefiss, u fin-nuqqas tal-konsenja ta' l-istess brazzuletta, l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilha l-valur tagħha li jiġi stabbilit, jekk *ikun* hemm bżonn, anki per mezz ta' l-opra ta' perit. Bl-ispejjeż;

*Omissis:*

Tikkunsidra;

Illi kif jirriżulta mi'l-att taċ-ċitazzjoni, mid-dikjarazzjoni akkompenjanti dak l-att, u mill-provi li nstemgħu waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-attriċi tibbaża l-azzjoni tagħha fuq id-donazzjoni favur tagħha ta' l-imsemmija brazzuletta magħmula mill-imsemmija Caterina Spiteri, biex tirrimuneraha tas-serviġi li kienet ipprestatilha u kellha tikkontinwa tipprestalha;

Illi l-karattru tad-donazzjonijiet rimuneratorji jvarja skond jekk għall-ħlas tas-serviġi d-donatarju kellux azzjoni kontra d-donanti, jew jekk għas-serviġi d-donanti ma kienx ħlief sottopost lejn id-donatarju għal dover morali ta' rikonoxxenza. Fit-tieni każ id-donazzjoni rimuneratorja hija essenzjalment, u fir-rigward tagħha kollha, dispożizzjoni purament gratuwita; fl-ewwel każ id-donazzjoni hija ġeneralment, ta' natura mista, u hija retta mir-regoli kollha li jiggovernaw id-donazzjonijiet onerużi. Però, sija fit-tieni kemm fl-ewwel każ, id-donazzjoni hija dejjem sottoposta għall-formalità rikjesta għall-validità estrinseka tad-dispożizzjonijiet b'titolu gratuwitu;

Tikkunsidra;

Illi skond il-liġi tagħna, id-donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att publiku; iżda dina d-dispożizzjoni ma tgħoddx fil-każ, fost każijiet oħrajn, ta' rigali li jingħataw minn id għal id, ta' flus jew ta' ħwejjeġ mobili korporali oħra, jekk is-somma jew il-valur tagħhom ikun żgħir meta jitqiesu l-kondizzjonijiet tal-persuni u ċirkustanzi oħrajn (art. 1847 Kodiċi Ċivili);

Illi anki jekk wieħed irid jikkunsidra bħala żgħir ir-rigal ta' l-imsemmija brazzuletta, avut rigward tal-kondizzjoni tal-

persuni u taċ-ċirkustanzi l-oħra kollha tal-każ, id-donazzjoni ta' din il-brazzuletta tibqa' dejjem nulla, għaliex tonqos it-tradizzjoni; billi mhux biss jirriżulta pruvat, imma tammettih l-istess attriċi, li l-imsemmija brazzuletta qatt ma ħaditha taħt idejha, għaliex l-imsemmija Caterina Spiteri ma laħqetx tathielha billi mietet sottu;

Illi t-tradizzjoni hija meħtieġa għall-validità ta' l-imsemmi'in rigali ta' flus jew ta' ħwejjeġ oħra mobili korporali; u dana jirriżulta soddisfaċentement mill-istess kliem tal-liġi li ssemmi dawna r-rigali bħala dawk li jingħataw minn id għal id. Fi kliem ieħor, il-liġi tippermetti li ħaġa mobili korporali tiġi validament donata fil-forma ta' rigal manwali, jiġifieri bit-tradizzjoni li d-donant jagħmel ta' dik il-ħaġa lid-donatarju, bl-intenzjoni li jispolja ruħu minnha; u naturalment fil-każ li l-ħaġa tkun ġà f'idejn id-donatarju, id-donazzjoni tiġi konsumata unikament bl-effett tad-dikjarazzjoni tad-donanti li jrid jagħtihielu;

Illi t-tradizzjoni lanqas ma tista' tiġi kunsidrata bħala magħmula minħabba l-fatt li l-imsemmija Spiteri, kif jista' wieħed jirrikava mix-xhieda ta' Concetta Incorvaja, kellha tgħid lill-konvenut, ħuha, biex jagħtiha lill-attriċi, fil-każ li effettivament hija qaltlu biex jagħtiha lill-attriċi; u dana għaliex jirriżulta li fil-fatt il-konvenut ma tahiex lill-attriċi waqt li kienet għadha ħajja l-imsemmija Spiteri; u, kif tgħallem id-dottrina, il-mandat konferit għall-konsenja tal-ħaġa lid-donatarju ma jistax jiġi utilment adempjut ħlief waqt il-ħajja tal-mandant. Madankollu, l-attriċi lanqas ma tippretendi li kellu jiġi inkorigat il-konvenut biex jeffettwa l-konsenja tal-brazzuletta, għaliex hija xehdet illi l-imsemmija Spiteri qaltilha "Dik il-brazzuletta nagħtihielek; u ma nagħtihielekx issa għax qiegħda għand ħija; però ngħidlu jagħtihieli, u hu jagħtihieli żgur, u jien nagħtiha lilek". Minn dawn il-kliem evidentement xejn aktar ma jirriżulta ħlief il-promessa ta' l-imsemmija Spiteri li tagħti l-imsemmi rigal lill-attriċi;

Għal dawn il-motivi:

Tiċħad it-talba ta' l-attriċi bl-ispejjeż; salva favur ta' l-istess attriċi kull azzjoni oħra, "si et quatenus".